MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 216/2004/1

**Middle Sea Insurance plc., kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Andrew Gilford**

**vs**

**Charles Duca u Victor Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm328.11c) u dan kwantu ghal mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm228.11c) danni sofferti mis-socjeta' assigurattrici attrici meta waqa' tavlun fuq

vettura Skoda bin-numru ta’ registrazzjoni BBE 137 proprjeta’ ta’ Andrew Gilford u assigurata *comprehensive* mas-socjeta’ attrici u dan waqt li l-imsemmi tavlun kien qed jintuza biex isiru xi xoghlijiet ta’ restawr fil-knisja tas-Salvatur gewwa l-Kalkara fil-25 ta’ Lulju, 2002.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu li l-incident in kwistjoni ma sehhx htija tal-konvenuti izda kien kaz ta’ *force majeur*. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-i*scaffolding* kien imwahhal kif suppost. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti ma kienux responsabbli ghall-istess *scaffolding*.

Ra l-verbal tal-15 ta’ Gunju, 2004 li bih il-konvenuti ddikjaraw li ma kienux qed jikkontestaw id-danni izda dwar dan jigi rilevat illi fil-faccata ta’ quddiem ta’ l-Avviz is-sorte huwa ndikat ghal tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm328.11c) izda fil-korp ta’ l-Avviz fejn hemm indikat “X’Gara?” t-talba hija ghal mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm228.11c). Mid-dokumenti esebiti a fol 15 tal-process huwa ndikat illi d-danni totali jammontaw ghal tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm328.11c).

Sema’ x-xhieda ta’ PS 1262 Spiridione Zammit, Andrew Gilford, Charles Duca, Victor Camilleri u ta’ Joseph Farrugia.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dakinhar ta’ l-incident kien qed isir xoghol ta’ restawr fuq il-koppla tal-kappella tas-Salvatur tal-Kalkara. Il-konvenut Duca kien wiehed mill-istudenti li kien qed jahdem fuq il-lant tax-xoghol mentri Victor Camilleri kien is-*supervisor*. Ix-xoghol kien ilu ghaddej tlett xhur. Il-vettura ta’ l-attur kienet ipparkjata ezatt taht l-i*scaffolding* fejn kien qed isir dan ix-xoghol ta’ restawr u l-incident sehh billi tavla ta’ l-i*scaffolding* taret ghal fuq il-karozza ta’ l-attur u b’hekk gralha l-hsara mertu tal-kawza odjerna.

L-i*scaffolding* kien tqieghed minn Joseph Farrugia f'isem JMC Farrugia Limited fil-bidu tax-xoghol li mbaghad kellu jnehhi l-i*scaffolding* meta x-xoghol ta' restawr tlesta. Bejn il-bidu u t-tmiem ikunu l-konvenuti li jaggustaw l-i*scaffolding* skond il-lant tax-xoghol.

Sabiex tigi determinata l-kwistjoni tar-responsabbilta' hemm diversi fatturi li ghandhom jigu ezaminati.

Fl-ewwel lok jekk l-i*scaffolding* sarx skond l-arti u s-sengha u min kien responsabbli ghal tali *scaffolding* u fit-tieni lok, jekk kienx xieraq, opportun u legali li l-vettura ta' l-attur tkun ipparkjata fejn kienet.

Dwar fejn kienet ipparkjata l-karozza, l-attur jghid li kien ipparkjat f'*parking bay*, izda da parti tal-konvenuti huma jsostnu li din kienet ipparkjata fuq *double yellow line* u inoltre, fejn kienet ipparkjata l-vettura kien hemm evidenza ta' *scaffolding* u anki tabelli xierqa w opportuni dwar periklu u li l-post huwa *a hard hat area*.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal huwa nklinat li jemmen il-verzjoni tal-konvenuti. Li fil-fatt kien hemm evidenza ta' *scaffolding* u li kien hemm tabelli xierqa dwar il-periklu. Dwar jekk kienx hemm *double yellow line* m'hemmx qbil bejn il-partijiet u l-unika xhud indipendenti huwa l-Pulizija, izda l-Pulizija ghalkemm ma kienx cert dwar dan qal, qisu bi process ta' eliminazzjoni, illi kieku kien hemm id-*double yellow line* kien johrog *charge* u f'dan il-kaz ma jirrizultax li hareg *charge*. Fuq il-provi kif migbura, t-Tribunal ma jistax jiddeciedi b'certu trankwillita' jekk kienx hemm *double yellow line*.

B'danakollu, minkejja li ma kienx hemm id-*double yellow line*, t-Tribunal huwa tal-fehma illi x-xoghlijiet kienu ilhom ghaddejjin, jigifieri dan ma kienx *scaffolding* li sar mil-lejl ghan-nhar izda kien ilu hemm certu zmien. It-Tribunal huwa wkoll konvint li kien hemm evidenza tal-potenzjal periklu li jaqa' xi oggett minn fuq l-i*scaffolding* waqt li jkun qed isir ix-xoghol u ghalhekk min ipparkja l-vettura fejn ipparkja, ezatt taht l-i*scaffolding* matul il-gurnata kien jaf li

kien hemm certu possibbilta' li tista' taqa' xi haga fuq il-vettura.

Pero' fil-kaz odjern l-incident sehh fi zmien matul il-lejl u cjoe' waqt hin meta ma kienx qed isir xoghol u ghalhekk min jipparkja hemm ma kienx ikun daqstant allarmat li jista' jaqa' xi oggett fuq il-karozza. Certament kien ikun imprudenti da parti ta' l-attur li jipparkja l-vettura taht l-i*scaffolding* matul il-gurnata. Di fatti Victor Camilleri afferma li kieku nduna li kien hemm karozza pparkjata hemmhekk kien jitlob lill-persuna biex inehhiha minn hemmhekk.

It-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi min jaghmel *scaffolding* huwa obbligat li jaghmel dan b'mod *safe*, kemm ghal min qed jahdem fuqu u kif ukoll ghall-pubbliku. (L-i*scaffolding* sar mill-kumpanija fejn kien jahdem Farrugia u ma jidhirx li l-incident sar ghax l-i*scaffolding* sar hazin *ab inizio*). Tali obbligu mbaghad jghaddi fuq min ikun qed juza l-i*scaffolding* billi f'dan il-hin l-i*scaffolding* ikun qed jigi kustodit minnu.

Jirrizulta illi wara li kien ilu li beda x-xoghol it-tavli ta' l-i*scaffolding* ma kienux marbutin ma' l-i*scaffolding* u l-fatt li sehh l-incident in kwistjoni jfisser illi b'certu ammont ta' rih, dan seta' jtir kif fil-fatt tar. Fortunatament l-incident ma kienx aktar gravi ghax kieku kien ghaddej bniedem u ntlaqat b'dan l-i*scaffolding* il-konsegwenzi kienu jkunu ferm aghar.

Il-konvenut Charles Duca kien wiehed mill-istudenti li kien qed jahdem fuq il-lant tax-xoghol izda t-Tribunal ma jhossx li ghandu jsib xi responsabbilta' da parti tieghu. Xoghlu kien li jaghmel ix-xoghol ta' restawr. Ma kienx involut fl-i*scaffolding* u ghalhekk m'ghandu l-ebda responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni.

Ghar-rigward ta' Victor Camilleri pero', jirrizulta li huwa kien responsabbli ghas-supervizjoni kompriz l-i*scaffolding* u fi kliemu:

“Wahda mill-affarijiet li nara biex ma jsirux incidenti li l-affarijiet inhalluhom f’posthom u kif suppost u qabel ma nitilqu niccekkjaw fil-fatt li kollox ikun f’postu, fis-sens li ddahhal l-ghodda, tara jekk hemmx xi haga li tista’ tkun ta’ periklu.”

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma, illi Camilleri fil-pozizzjoni tieghu kellu jaccerta ruhu li kollox kien marbut sew u galadarba taret tavla minn fuq l-i*scaffolding* ghal fuq il-vettura ta’ l-attur, u galadarba Camilleri ma ta l-ebda gustifikazzjoni jew skuzanti ghaliex taret din it-tavla, huwa ghandu jerfa’ parti mir-responsabbilta’. It-Tribunal ma jhossx li dan huwa lok ta’ *casus* billi f’cirkostanzi simili wiehed irid jahseb ghall-elementi.

Mill-premess it-Tribunal huwa tal-fehma li Camilleri ghandu jerfa’ l-piz tar-responsabbilta’ ta’ l-incident.

Id-danni, kif fuq intqal, gew ikkwantifikati ghal tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm328.11c) u jinsabu debitament ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-konvenut Camilleri huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Il-konvenut Duca ghandu jigi mehlus mir-responsabbilta’ ta’ l-incident u ghalhekk fil-konfront tieghu t-talba attrici qeghda tigi michuda. Konsegwentement it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Victor Camilleri sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm328.11c) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez fir-rigward ta’ Charles Duca jithallsu mis-socjeta’ attrici. L-ispejjez l-ohra tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut Camilleri.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Victor Camilleri. Huwa jiccensura lit-Tribunal u l-motivazzjoni ta’ dan fid-decizjoni appellata in bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) It-Tribunal injora l-fatt illi huwa ha l-prekawzjonijiet mehtiega;

(2) Ma hax qies tan-nuqqas serju ta' gudizzju ta' l-assigurat tal-kumpanija attrici meta dan ipparkja l-vettura tieghu taht l-i*scaffolding*, u, inoltre, f' post ipprojbit fejn kien hemm *double yellow line*;

(iii) Injora kompletament il-fatt illi matul il-lejl li fih sehh l-incident kien hemm rih qawwi li seta' caqlaq xi tavlun. Skond l-appellant din il-forza tan-natura kienet imprevvista u dan kellu jehilsu mill-addebitu ta' htija ghas-sinistru;

Fil-qosor hafna l-fatti principali tal-kawza kif johorgu mill-provi jistghu jigu rikapitolati kif gej:-

(1) L-installazzjoni ta' l-i*scaffolding* intiz ghal xoghol ta' restawr fuq il-knisja tas-Salvatur fil-Kalkara sar minn terza kumpanija rapprezentata minn Joseph Farrugia. Xoghlu kien li jarma l-i*scaffolding* u jzarmah meta jitlesta x-xoghol. Jekk fil-kors tax-xoghol ikun jehtieg aggustament tieghu dan ma jsirx mill-kumpanija imma minn min ikun responsabbli mix-xoghol ta' restawr. Ara deposizzjoni ta' Joe Farrugia a fol. 49;

(2) F' dan l-i*scaffolding* kien hemm pedani konsistenti minn pjanci ta' l-*aluminium* li kienu jitmexxew minn post ghall-iehor skond l-esigenzi tax-xoghol. Ara xhieda tal-konvenut Charles Duca, fol. 36;

(3) *Ex-confessis*, il-konvenut Victor Camilleri kien *in charge* ta' studenti li kienu qed jahdmu taht is-supervizjoni tieghu u, ukoll, responsabbli li jassikura li ma jsirux incidenti, li l-affarijiet ikunu f' posthom u kif suppost u, b' mod partikulari, jissorvelja li ma jkunx hemm xi haga ta' periklu. Ara stqarrija tieghu a fol. 39;

(4) Fuq il-lant tax-xoghol kien hemm tabelli li jindikaw il-perikolu u "*works in progress*";

(5) Ix-xoghol kien ilu ghaddej ghal xi xhur qabel ma sehh l-incident li fih pedana waqghet fuq il-vettura ta' l-assigurat Andrew Gilford, ipparkjata taht l-i*scaffolding*, x' aktarx fuq *double yellow line* skond l-appellanti;

(6) Fir-rapport ta' PS 1261 Spiridione Zammit (fol. 13) jinghad li l-pedana waqghet "*most probably my means of the strong wind during the night*";

Premessi dawn il-fatti, jokkorri qabel xejn jigi registrat illi fil-kaz ta' xoghlijiet li jinvolvu perikolu ghall-utenti tat-triq jew tal-proprjeta` taghhom, il-prova liberatorja gravanti fuq min hu responsabbli minn dawn ix-xogholijiet tikkonsisti fil-prova dimostrativa illi gew minnu adottati dawn il-mizuri:-

(a) It-twahhil ta' sinjali jew avvizi li jinformaw lill-pubbliku bil-perikolu nkombenti;

(b) It-tehid ta' sorveljar adegwat fuq l-izvolgiment ta' l-attivita` perikoluza;

(c) l-addozzjoni ta' mizuri preventivi u adattati ghall-iskansar ta' eventi dannuzi. F' dan il-kuntest ma jidherx li tista' titqies sufficjenti il-prova negattiva mill-persuna responsabbli illi huwa kkonforma ruhu mal-ligi jew mar-regolamenti u li ma kkommetta ebda vjolazzjoni tal-prudenza komuni imma ghandu jgib il-prova pozittiva illi hu mpjega kull prekawzjoni u kura idoneja biex jigi mpedut l-event ta' dannu;

Issa f' dan il-kaz l-appellanti jgib 'il quddiem, b' argomenti liberatorji ghad-dannu li sehh, il-fatt li l-assigurat tas-socjeta` attrici kien negligenti u traskurat meta ipparkja l-vettura tieghu taht l-i*scaffolding*, nonostante l-ezistenza tat-tabelli, u d-difiza tal-forza magguri. B' dawn l-argomenti huwa donnu jrid jikkonvinci illi d-dannu verifikat kien estraneju ghal kontroll tieghu ghaliex derivat mit-traskuragni ta' l-assigurat jew minn fattur naturali estern. B' hekk jippretendi illi hu ma kellux jinstab in kolpa;

Ghal dawn l-argomenti, sottomessi fir-rikors ta’ l-appell u fid-dibattitu orali, jirrispondu l-konsiderazzjonijiet li ser isegwu:-

(1) Huwa indizzjarju illi biex il-pedana taret minn postha din ma kellhiex irbit adegwat. Huwa fatt accertat, in kwantu hekk ammess, illi l-appellanti kien responsabbli mis-sorveljar generali ghall-iskansar tal-perikolu;

(2) Meta dan hu hekk il-kaz l-appellant htieglu joffri l-prova pozittiva tal-kawza effettiva tal-waqa’ tal-pedana, u, mhux sempliciment jittanta jillibera ruhu mill-htija bil-fatt ta’ l-ipparkjar zbaljat da parti ta’ l-assigurat;

(3) Lanqas ma jidher li jista’ jkun ta’ suffragju ghalih il-prova tal-forza magguri, karatterizzata minn inevitabilita`, imprevedibilita` u eccezzjonalita` (ara **Kollez. Vol. XXX P I p 869**), in kwantu biex din titqies fatt liberatorju riedet tkun xi haga improvviza u minghajr l-involviment tal-bniedem. Fi kliem iehor, dik il-forza magguri ma tehlisx mir-responsabilita` ghad-danni jekk tkun preceduta minn htija ta’ min ikkaguna d-danni. Ara **Kollez. Vol. XXIV P I p 172** u **Vol. XXX P III p 142** fost bosta ohrajn. F’ kaz bhal dan l-awtur ta’ mgieba mputabbli jitqies dejjem responsabbli ghal kull konsegwenza dannuza li ssehh. Dan ghandu jkun bil-wisq ovvju in kwantu l-ezistenza ta’ kon-kawzi konkorrenti tinstawra ruhha bejn pluralita` ta’ komportamenti umani kolpevoli imma mhux bejn kawza umana imputabbli u konkorrenza naturali mhux imputabbli;

(4) Barra minn dan, lanqas ma jista’ ragonevolment jinghad li l-fatt tal-buffuri tar-rih, li l-qawwa taghhom ma gietx provata f’ dan il-kaz, kienet xi haga imprevidibbli meta huwa komunement u notorjament maghruf kemm pajjizna hu soggett ghal forzi tar-rih f’ kull stagun;

(5) Apparti l-kwestjoni illi l-prekawzjonijiet iridu jittiehdu dejjem, *inter alia*, f’ dan il-kaz, li l-pedani ta’ l-i*scaffolding* kellhom ikunu mantenuti b’ irbit sikur, dik il-

prevedibilita` tal-forzi naturali jew tal-kondizzjonijiet ambjentali kellha tinduci lill-appellanti, *qua* l-bniedem responsabbli mis-sorveljanza u l-iskansar tal-perikolu, illi japplika d-diligenza tal-*bonus paterfamilias*, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili. La dan ma ghamlux ikollu jinghad, b' ripetizzjoni, illi "*esso è in colpa per non mantenere la cosa in condizioni tali da non recare nocumento ad altri*" (**Kollez. Vol. XXVIII P I p 222**);

(6) F' dawn ic-cirkustanzi, is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti tal-kondotta traskurata tat-terz assigurat li ssubixxa d-danni jew dik tal-forza magguri ma jistax iservuh ta' soljev. Dan ghar-raguni illi dawn ma jistax ikollhom ebda effett liberatorju gjaladarba ma jeskludux b' mod cert in-ness kawzali bejn il-kondotta precedenti u imprudenti ta' l-appellanti u l-event dannuz.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra tat-Tribunal l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------